

Brussell, 18 ta' Ġunju 2018
(OR. en)

10227/18

AGRI 302
FAO 22

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	18 ta' Ġunju 2018
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 9469/18 + ADD 1	
Suġġett:	KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL dwar il-prijoritajiet fuq perijodu medju tal-UE u l-Istati Membri tagħha għall-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura tan-Nazzjonijiet Uniti (FAO)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-ANNESS il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-prijoritajiet fuq perijodu medju tal-UE u l-Istati Membri tagħha għall-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura tan-Nazzjonijiet Uniti (FAO), kif adottati mill-Kunsill fit-18 ta' Ġunju 2018.

KONKLUŻJONIJET TAL-KUNSILL

**dwar il-prijoritajiet fuq perijodu medju tal-UE u l-Istati Membri tagħha għall-
Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura tan-Nazzjonijiet Uniti (FAO)**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

1. FILWAQT LI JAFFERMA MILL-ĠDID l-impenn tal-Unjoni Ewropea (UE) u l-Istati Membri tagħha biex jippromwovu ordni bbażata fuq ir-regoli bin-Nazzjonijiet Uniti fil-qalba tagħha, bħala objettiv importanti tal-azzjoni esterna tal-UE; FILWAQT LI JFAKKAR f'dan ir-rigward il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istrateġija Globali għall-Politika Esera u ta' Sigurtà tal-Unjoni Ewropea¹;
2. FILWAQT LI JAFFERMA MILL-ĠDID l-impenn sħiħ tal-UE u l-Istati Membri tagħha biex jimplimentaw l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli u jiksbu s-17-il Għan ta' Żvilupp Sostenibbli (SDG) sal-2030; FILWAQT LI JFAKKAR f'dan ir-rigward il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tweġiba tal-UE għall-Aġenda 2030² u l-"Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp"³, inkluż l-impenji għall-UE u l-Istati Membri tagħha fir-rigward tas-sigurtà tal-ikel, in-nutrizzjoni u l-agrikoltura sostenibbli, il-forestrija u s-sajd; FILWAQT LI JISSOTTOLINJA li l-isfidi tas-sostenibbiltà huma interdipendenti u jistgħu jiġu ttrattati b'mod effikaċi biss billi jiġu indirizzati l-interkonnessjonijiet tal-SDGs b'approċċ olistiku u koerenti li jinkludi kull waħda mit-tliet dimensjonijiet tal-iżvilupp sostenibbli fil-livelli kollha;

¹ 13202/16.

² 10370/17.

³ ĠU C 210, 30.06.2017, p. 1.

3. FILWAQT LI JAFFERMA MILL-ĠDID l-impenn tal-UE u l-Istati Membri tagħha biex jimplimentaw bis-sħiħ il-Ftehim ta' Pariġi dwar it-tibdil fil-klima u biex ikomplu jkollhom rwol ewlieni f'dan ir-rigward; FILWAQT LI JFAKKAR f'dan ir-rigward il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Ftehim ta' Pariġi u t-tnejniet għal-laqgħat tal-UNFCCC⁴;
4. FILWAQT LI JISĦAQ fuq l-importanza essenzjali tal-koordinazzjoni mill-qrib tal-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 mal-Ftehim ta' Pariġi dwar it-tibdil fil-klima u ma' impenji internazzjonali oħra;
5. FILWAQT LI JENFASIZZA l-importanza u r-rwol uniku tal-FAO fis-sistema tal-NU, bħala l-organizzazzjoni globali bbażata fuq l-għarfien għall-agrikoltura sostenibbli, il-forestrija, is-sajd u l-akkwakultura, kif ukoll is-sigurtà tal-ikel u n-nutrizzjoni; FILWAQT LI JISSOTTOLINJA li l-FAO għandha rwol sostanzjali x'taqdi fil-kuntest tal-Aġenda 2030 u l-Ftehim ta' Pariġi;
6. FILWAQT LI JENFASIZZA s-sħubija li ilha teżisti u li tagħti l-frott bejn l-UE u l-Istati Membri tagħha u l-FAO; FILWAQT LI JENFASIZZA l-kontribut essenzjali li l-UE u l-Istati Membri tagħha jagħmlu lill-ħidma tal-FAO fid-dimensjonijiet kollha tagħha, inkluż bħala kontributori ewlenin għall-baġit ġenerali tal-FAO, u l-impenji tagħhom biex jikkonsolidaw u jsaħħu l-kooperazzjoni tagħhom mal-FAO;

⁴ 13198/17.

Ir-rwol tal-FAO biex isir progress fl-aġenda tas-sostenibbiltà globali u l-klima b'rabta mal-agrikoltura, il-forestrija, is-sajd, u s-sigurtà tal-ikel u n-nutrizzjoni

7. JIRRIKONOXXI r-rwol importanti tal-FAO fl-appoġġ tal-membri tagħha fl-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 u l-kisba tal-SDGs permezz ta' gwida politika, pariri tekniċi, implimentazzjoni ta' programmi u proġetti, kif ukoll il-monitoraġġ u l-analiżi tal-progress; JISSOTTOLINJA li l-FAO għandha responsabbiltajiet ewlenin b'rabta ma', b'mod partikolari, l-SDG 2 u l-SDGs l-oħra li huma assoċjati mal-mandat tagħha u JENFASIZZA l-kompitu kritiku li l-FAO, bħala l-kustodju ta' 21 indikatur tal-SDGs, għandha fl-għoti ta' pariri dwar l-interkonnessjonijiet bejn l-SDGs u fil-kontribut lejn il-proċess ta' analiżi ġenerali, inkluż billi tiżgura d-disponibbiltà ta' data agrikola u rurali preċiża;
8. JISSOTTOLINJA li l-FAO għandha rwol essenzjali x'taqdi fl-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi, b'mod partikolari billi tipprovdi għarfien espert tekniku biex jiġu appoġġati l-isforzi tal-membri tagħha b'rabta mal-mitigazzjoni u l-adattament għat-tibdil fil-klima, inkluż fil-kuntest tal-Kontributi Stabbilit fil-Livell Nazzjonali (NDCs) tagħhom; JINKORAĠĠIXXI lill-FAO biex timmassimizza, fl-implimentazzjoni tal-Istrateġija tagħha dwar it-Tibdil fil-Klima, il-potenzjal sħiħ li joffru l-agrikoltura sostenibbli, il-forestrija, is-sajd u l-akkwakultura (inkluż fil-kuntest tal-"Inizjattiva favur it-Tkabbir Blu") biex jinħolqu sinerġiji bejn it-tibdil fil-klima u l-aġendi għall-iżvilupp; f'dan ir-rigward JAPPELLA lill-FAO tkompli bl-isforzi tagħha biex jitrawmu approċċi ta' produzzjoni sostenibbli li jkopru t-tliet dimensjonijiet ta' sostenibbiltà, filwaqt li tingħata attenzjoni partikolari lill-agroekoloġija, il-biedja organika u t-tkabbir tal-produzzjoni sostenibbli, kif ukoll lill-ġestjoni sostenibbli tal-ħamrija, il-ġestjoni sostenibbli tal-foresti u s-sajd sostenibbli, inkluż ġlieda aħjar kontra s-sajd illegali, mhux irregolat u mhux irrappurtat fl-interess ta' governanza internazzjonali mtejba tal-oċeani;

9. JINKORAĠĠIXXI lill-FAO turi tmexxija fil-promozzjoni tat-transizzjoni inklużiva lejn sistemi tal-agrikoltura u tal-ikel aktar sostenibbli, u JINKORAĠĠIXXI f'dan il-kuntest lill-FAO biex timpenja ruħha b'mod proattiv fl-isforzi biex tiġi enfasizzata l-ispiża reali tal-ikel, filwaqt li tingħata l-attenzjoni dovuta lill-esternalitajiet pożittivi u negattivi ta' sistema tal-ikel; JISSOTTOLINJA l-ħtieġa li jiġu promossi xejriet ta' produzzjoni u konsum sostenibbli, b'fokus partikolari fuq sforzi mmirati lejn il-prevenzjoni u t-tnaqqis tat-telf u l-ħela tal-ikel;
10. JENFASIZZA l-importanza ta' investimenti pubbliċi u/jew privati responsabbli fis-settur agroalimentari, skont il-"Prinċipji dwar Investiment Responsabbli fis-Sistemi tal-Agricoltura u tal-Ikel" (RAI), bil-ħsieb li jinħolqu t-tkabbir ekonomiku u impjiegi inklużivi, b'mod speċjali għall-popolazzjoni żagħżuġha li qed tikber b'mod rapidu f'żoni rurali ta' xi partijiet mid-dinja, b'mod partikolari fl-Afrika; f'dan ir-rigward JINKORAĠĠIXXI lill-FAO tippromwovi l-implimentazzjoni tar-RAI u tkompli tiżviluppa, fil-mandat tagħha u bi sħab mal-organizzazzjonijiet tan-NU u l-istituzzjonijiet tal-finanzi internazzjonali rilevanti, politiki li jtejbju l-impjieg deċenti taż-żgħażaġh li jgħixu f'żoni rurali u tindirizza l-ixpruni tal-faqar, l-inugwaljanza u l-migrazzjoni irregolari;
11. Fir-rigward tal-ġlieda kontra l-kawżi ewlenin tal-insigurtà tal-ikel u l-indirizzar tal-malnutrizzjoni fil-forom kollha tagħha, JAPPELLA lill-FAO tagħti attenzjoni partikolari, fil-limiti tal-mandat tagħha, għall-implimentazzjoni tal-impenji li jirriżultaw mit-tieni Konferenza Internazzjonali dwar in-Nutrizzjoni (ICN2), miżuri mmirati lejn il-promozzjoni ta' osservanza sħiħa tad-drittijiet ta' pussess tal-art f'konformità mal-"Linji Gwida Volontarji dwar il-Governanza Responsabbli tal-Pussess tal-Art, is-Sajd u l-Foresti" (VGGT) u għall-iżgurar ta' aċċess sikur u ugwali għar-riżorsi produttivi, b'mod speċjali għal azzjendi żgħar, b'attenzjoni speċjali mogħtija lin-nisa u ż-żgħażaġh; f'dan ir-rigward JISĦAQ fuq l-importanza ta' approċċi territorjali, li jiffaċilitaw l-aċċess għas-suq għal operatori tal-biedja mill-familja u jindirizzaw il-volatilità eċċessiva tal-prezz tal-ikel;

12. JISĦAQ fuq l-importanza u r-rilevanza globali tal-attivitajiet analitiċi u ta' statistika tal-FAO kif ukoll l-attivitajiet normattivi u ta' stabbiliment ta' standards tagħha; JENFASIZZA l-ħtieġa li jiġu pprovduti riżorsi adegwati mill-baġit prinċipali tal-FAO lil dawn l-attivitajiet, inkluż għall-korpi tal-konsulenza xjentifika u s-segretarjat tal-programm konġunt tal-FAO/WHO dwar l-istandards tal-ikel (*Codex Alimentarius*) u s-segretarjat tal-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Protezzjoni tal-Pjanti (IPPC), kif ukoll għal attivitajiet konġunti mill-FAO, l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO), l-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Animali (OIE), inkluż dwar mard transkonfinali tal-animali u reżistenza għall-antimikrobiċi akkwiżita (AMR) skont l-approċċ "Saħħa Waħda";

L-FAO bħala organizzazzjoni bbażata fuq l-għarfien li hija adatta għall-iskopijiet tagħha fis-sistema usa' tan-NU

13. JISSOTTOLINJA l-ħtieġa għal sforzi kontinwi biex jiġi żgurat li l-FAO tkun organizzazzjoni bbażata fuq l-għarfien effiċjenti, effikaċi u trasparenti, xprunata mill-ġestjoni bbażata fuq ir-riżultati u r-responsabbiltà fil-livelli kollha, djalogu u komunikazzjoni effikaċi mal-membri tagħha, u b'politika tar-riżorsi umani mirfuda mid-diversità, l-ugwaljanza, it-trasparenza u l-mertu, li hija konformi bis-sħiħ mas-Sistema Komuni tan-Nazzjonijiet Uniti;
14. JENFASIZZA l-ħtieġa li jiġi żgurat li għarfien espert tekniku adegwat u adatt ikun disponibbli fil-kwartieri ġenerali tal-FAO f'Ruma u fl-uffiċċji deċentralizzati tal-FAO, sabiex jippermetti lill-organizzazzjoni twettaq il-mandat tagħha b'mod effikaċi; JINNOTA f'dan ir-rigward ir-rwol importanti tal-FAO fl-assoċjazzjoni ta' interventi fit-titjib tas-sigurtà tal-ikel u n-nutrizzjoni u l-għajjuna umanitarja, kemm f'kuntest li jkun qed jiżviluppa kif ukoll fi kriżijiet akuti u fit-tul;

15. JISĦAQ fuq il-ħtieġa għall-FAO li ssaħħaħ approċċi transformattivi fir-rigward tal-ugwaljanza bejn is-sessi u tippromwovi t-tiżiż tal-pożizzjoni tan-nisa fl-attivitajiet kollha tagħha, kif ukoll fl-organizzazzjoni fil-livelli kollha; JENFASIZZA l-importanza tal-implimentazzjoni ta' azzjonijiet tan-NU mas-sistema kollha bil-għan tal-prevenzjoni u l-indirizzar tar-riskju ta' sfruttament sesswali, abbuż u fastidju kif ukoll forom oħra ta' fastidju u abbuż mill-awtoritajiet, u JAPPELLA lill-FAO biex tirrapporta b'mod regolari dwar il-progress li sar f'dan ir-rigward;
16. JENFASIZZA l-importanza ta' sħubiji ta' partijiet ikkonċernati multipli u oħrajn appoġġati mill-FAO, bil-konsultazzjoni u l-parteciġazzjoni ġenerali tas-soċjetà ċivili, l-akkademja u s-settur privat, biex b'hekk jiġu sfruttati l-għarfien espert u l-għarfien, u titwessa l-bażi ta' riżorsi; JISĦAQ f'dan ir-rigward fuq il-ħtieġa li jiġu żgurati t-trasparenza u r-responsabbiltà sħiħa, il-proċessi adatti ta' governanza u tat-teħid ta' deċiżjonijiet, bil-ħsieb li jiġi evitat kwalunkwe kunflitt ta' interess u JAPPELLA lill-FAO tagħmel valutazzjonijiet regolari tal-impatt ta' dawn is-sħubiji fuq l-attivitajiet tal-FAO u fuq il-kontribut tagħhom għall-kisba tal-SDGs;
17. JENFASIZZA l-ħtieġa kontinwa għal kooperazzjoni mtejbja u aktar sinerġiji bejn l-FAO u aġenziji l-oħra rilevanti tan-NU li jittrattaw ma' kwistjonijiet globali relatati mal-agrikoltura, il-forestrija, is-sajd, is-sigurtà tal-ikel u n-nutrizzjoni, u s-sikurezza tal-ikel, b'mod partikolari l-Fond Internazzjonali għall-Iżvilupp Agrikolu (IFAD), il-Programm Dinji tal-Ikel (WFP) u d-WHO; JILQA' r-rapporti ta' progress annwali dwar il-kollaborazzjoni tal-aġenziji bbażati f'Ruma bħala referenza utli biex jiġi vvalutat l-impatt ta' sforzi ta' kollaborazzjoni konġunta bejn l-FAO, l-IFAD u d-WFP; JISSOTTOLINJA li l-isforzi ta' kollaborazzjoni konġunta bejn l-FAO, l-IFAD u d-WFP jenħtieġ li jinkludu b'mod sistematiku valutazzjonijiet konġunti, l-immappjar ta' kollaborazzjoni fil-livell ta' pajjiż, mekkaniżmi ta' inċentiv u indikaturi konġunti għall-kejl tal-impatt tal-kollaborazzjoni;

18. JENFASIZZA l-importanza għall-FAO li tkompli tappoġġa u tikkofaċilita b'mod attiv, b'mod konġunt mal-IFAD u d-WFP, il-ħidma tal-Kumitat dwar is-Sigurtà Alimentari Dinjija (CFS), inkluż il-grupp ta' esperti ta' livell għoli tagħha (HLPE), u tippromwovi l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet ta' politika importanti kollha li s-CFS ikun żviluppa fit-twettiq tad-Dritt għal Ikel Adegwat, b'mod partikolari l-VGGT, ir-RAI u l-Qafas għal Azzjoni dwar is-Sigurtà Alimentari u n-Nutrizzjoni fi Kriżijiet Imtawla (FFA)⁵; JINKORAĠĠIXXI lill-FAO tinkludi dawn ir-rakkomandazzjonijiet ta' politika fl-attivitajiet kollha tagħha relatati ma' proġetti fil-qasam u t-tfassil ta' politika fil-livell nazzjonali, kif ukoll fil-ftehimiet ta' sħubija tagħha ma' organizzazzjonijiet internazzjonali u reġjonali oħra, pajjiżi donaturi, organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u s-settur privat;
19. JAPPELLA lill-FAO taqdi r-rwol sħiħ tagħha fl-implimentazzjoni tar-riforma tas-sistema ta' żvilupp tan-NU [adottata mill-Assemblea Ġenerali tan-NU fil-31 ta' Mejju 2018]⁶ u tallinja l-attivitajiet tagħha mad-dispożizzjonijiet tar-Riżoluzzjoni rilevanti tal-AĠNU, inkluż fir-rigward tar-rwol ġdid ta' Koordinaturi Residenti u l-formula tal-kondiviżjoni tal-ispejjeż għas-sistema ta' Koordinaturi Residenti, l-Oqfsa ta' Assistenza għall-Iżvilupp tan-NU (UNDAFs) u l-ġenerazzjoni ġdida ta' timijiet tal-pajjiżi, u JITLOB lill-FAO tinforma b'mod regolari lill-membri tagħha dwar il-progress li sar;

⁵ Qafas għal Azzjoni dwar is-Sigurtà Alimentari u n-Nutrizzjoni fi Kriżijiet Imtawla.

⁶ Ir-Riżoluzzjoni A/72/L.52 tal-Assemblea Ġenerali tan-NU: Pożizzjonament mill-ġdid tas-sistema ta' żvilupp tan-Nazzjonijiet Uniti fil-kuntest tal-analiżi politika komprensiva ta' kull erba' snin ta' attivitajiet operazzjonali għall-iżvilupp tas-sistema tan-Nazzjonijiet Uniti.

Kooperazzjoni tal-UE u l-Istati Membri tagħha mal-FAO

20. JIRRIKONOXXI l-importanza għall-UE u l-Istati Membri tagħha li jkomplu jappoġġaw b'mod attiv lill-FAO fil-mandat prinċipali tagħha u fl-isforzi tagħha biex isir progress fl-aġenda tas-sostenibbiltà globali u l-klima b'rabta mal-agrikoltura, il-forestrija, is-sajd, u s-sigurtà tal-ikel u n-nutrizzjoni;
21. JISTENNA B'INTERESS sabiex ikompli l-kollaborazzjoni attiva tal-UE u l-Istati Membri tagħha mal-FAO fl-attivitajiet normattivi u ta' stabbiliment ta' standards tagħha, b'mod partikolari mas-segretarjat tal-programm konġunt tal-FAO/WHO dwar l-istandards tal-ikel (*Codex Alimentarius*), is-segretarjat tal-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Protezzjoni tal-Pjanti (IPPC) u l-korpi ta' parir xjentifiku tagħhom, u l-appoġġ għal attivitajiet mwettqa b'mod konġunt mill-FAO, id-WHO u l-OIE, inkluż dwar mard transkonfinali tal-annimali u reżistenza għall-antimikrobiċi akkwiżita (AMR), skont l-Approċċ "Saħħa Waħda";
22. JENFASIZZA r-rilevanza tal-intensifikazzjoni ta' kooperazzjoni ta' benefiċċju reċiproku bejn istituzzjonijiet akkademiċi u ta' riċerka fl-UE u l-FAO, sabiex isir progress fl-applikazzjoni ta' sejbiet tar-riċerka għall-ħidma tal-FAO;
24. JISĦAQ fuq il-fatt li tibqa' ta' importanza vitali għall-UE u l-Istati Membri tagħha li jimpenjaw ruħhom, b'mod ikkoordinat, ma' gruppi reġjonali oħra tal-FAO bil-ħsieb li jtejbū l-fiduċja reċiproka u jfittxu l-effikaċja u l-komplementarjetà; u li jkollhom sessjonijiet ta' dialogu regolari u strateġiku mal-maniġment superjuri tal-FAO.